# KONKORS ĠEMMA – RAPPORT TAL-ĠURIJA

Il-livell ġenerali tal-konkors kien wieħed sodisfaċenti. Ħafna mill-kitbiet kienu attraenti u pjaċevoli. Il-konkorrenti kienu marbutin b'temi speċifiċi, u allura nifhmu li kienu pjuttost ristretti fl-aspett kreattiv.

Il-parti l-kbira tal-konkorrenti żammew mal-limitu tal-kliem stabbilit mill-organizzaturi. Aktar importanti minn hekk, il-parti l-kbira qagħdu attenti biex il-lingwaġġ tagħhom ikun addattat għal-livell tal-udjenza-mira fiż-żewġ kategoriji.

Kważi kulħadd għamel sforz biex jindirizza l-kunċetti primarji relatati mal-konkors, jiġifieri l-ħtieġa li wieħed iġemma' għall-futur, li wieħed jagħmel budget, u li wieħed jonfoq flusu bil-għaqal.

Mhux kulħadd għamel sforz biex jindirizza l-kunċetti sekondarji, dawk relatati mal-inklużjoni, id-diversità, it-tradizzjonijiet Maltin, il-ħtieġa ta' ħajja sana, u l-matematika. Il-ġurija jidhrilha li dawn l-aspetti forsi komplew ixekklu l-kreattività tal-awturi. Forsi l-parametri ma kellhomx ikunu daqstant speċifiċi, imma l-organizzaturi huma f'pożizzjoni aħjar biex jiżnu dan il-punt.

Il-livell tal-Malti mhux dejjem kien tal-livell mixtieq. Jidher li xi konkorrenti mhumiex familjari mar-regoli ortografiċi attwali. Oħrajn ma kinux skrupolużi biżżejjed fil-qari tal-provi, u għaldaqstant xogħolhom kien miżgħud bl-iżbalji. Il-livell tal-Ingliż kien ħafna aħjar f'dan l-aspett.

Xi ftit mill-konkorrenti mid-dehra ma fehmux li dan kien konkors letterarju, u min minflok issottomettew xogħlijiet li kienu purament fattwali u informattivi. Dawn ix-xogħlijiet kellhom ikunu xogħlijiet kreattivi (p.e. novelli, poeżiji, djarji/memorji fittizji, eċċ.).

Veru li l-għan tal-konkors kien wieħed edukattiv imma l-ġurija jidhrilha li xi wħud mix-xogħlijiet irrikorrew għal didattiċiżmu ovvju, li rrenda l-prodott finali pjuttost prożajku mingħajr wisq immaġinazzjoni. Anki xogħol edukattiv għandu jkun divertenti, speċjalment jekk ikun immirat għat-tfal.

Mhux il-konkorrenti kollha ħassew il-ħtieġa li f'xogħolhom jinkludu l-mascot ta' Ġemma n-Naħla. Dan sintendi ssarraf f'telf ta' marki.

Ebda xogħol ma kellu kontenut offensiv jew politikament skorrett. Kważi l-kontribuzzjonijiet kollha kienu fattwalment korretti u sensittivi għar-realtajiet tal-ġurnata.

Finalment il-ġurija jidhrilha wkoll li għandu jsir anqas enfasi fuq l-aspetti folkloristiċi u tradizzjonali tal-pajjiż. Il-letteratura Maltija sa tibqa' retrograda jew anakronistika jekk sa tibqa' assoċjata biss mal-kenur, mal-għonella, mal-luzzu, u l-bqija. Xi kittieba ppruvaw joħorġu minn dawn ir-restrizzjonijiet kulturali billi rrferew għal tip ta' ħajja aktar aġġornata.

Wara li l-iskrutinju tax-xogħlijiet kollha l-ġurija waslet għal dan il-verdett:

**Kategorija A: Xogħlijiet immirati għal tfal ta' bejn il-ħames u t-tmien snin**

L-ewwel post: ĠEMMA' MA' ĠEMMA (433 punt)

It-tieni post: ĠEMMA A u ĠEMMA B (410 punti)

It-tielet post: DAK LI TĦOBB IĠĠEMMA' ĠEMMA (408 punti)

**Honourable mentions**:

Matthew’s Lucky Birthday (403 punti)

Gemma’s Honey (393 punt)

**Kategorija B: Xogħlijiet immirati għal tfal ta’ bejn it-tnien u l-ħdax-il sena**

L-ewwel post: FRISKI u ĦAJJIN (433 punt)

It-tieni post: ĠIMAGĦTEJN MA’ ĠEMMA (429 punt)

It-tielet post: ĠEMMA TIBDA ĠĠEMMA’ (425 punt)

**Honourable Mentions**:

Abdrakadabra (423 punt)

Bla Flus La Tgħannaq u Lanqas Tbus (419 punt)

Ġurnata Speċjali (415 punt)

L-Istorja tal-Karus (415 punt)

The Bee’s A, Bee C  (413 punt)

L-Għaqal u l-Bżulija (402 punti)

**Membri tal-ġurija**

**Dr Mario Cassar** (president tal-ġurija)

Mario Cassar



**Ms Joanne Zammit**



**Ms Marie Claire Camilleri**



**Ms Lorraine Dimech Magrin**



**Mr David Spiteri Gingell**

8 ta' Frar 2021